MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 899/1998/1

**Lucrezio MUSCAT u martu Josephine Muscat, u Victoria Muscat**

**vs**

**Ivan TABONE**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta' April, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara li l-imħarrek jaħti għat-tħassir tal-għerusija minn ma' l-attriċi Victoria Muscat u li tikkundannah iħallashom id-danni minħabba dan l-għamil u minħabba l-ispejjeż minfuqin minnhom matul l-imsemmija għerusija;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-8 ta' Ottubru, 1998, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-għerusija ma tħassritx bi ħtija tiegħu, u li huwa kien laħaq ftehim mal-attriċi Victoria Muscat dwar il-qsim ta'

ħwejjiġhom. Ċaħad li l-atturi batew xi danni jew li għamlu xi spejjeż kif minnhom allegat;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Mejju, 1999, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet u x-xhud tagħhom;

Rat il-verbali tas-seduti u x-xhieda mismugħa mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet matul is-smigħ tal-kawża;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-2 ta' Awissu, 2004[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-24 ta' Awissu, 2004[2], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-17 ta' Novembru, 2004, tal-20 ta' April, 2005, u tat-23 ta' Ġunju, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar talba għal danni minħabba tħassir bla mistħoqq ta' għerusija. L-atturi, fosthom il-ġenituri tal-għarusa, qegħdin jgħidu li matul l-għerusija u meta kien diġa' ntgħażel il-jum tat-tieġ, l-imħarrek daħak bihom billi kien joħroġ ma' tfajla oħra. Huma jgħidu li matul l-għerusija nefqu ħafna spejjeż u issa jridu lill-imħarrek jagħmel tajjeb għalihom;

Illi l-imħarrek jisħaq li l-għerusija ma ntemmitx bi ħtija tiegħu u għalhekk m'għandux iwieġeb għall-azzjoni tal-atturi. Minbarra dan, huwa jgħid li kien laħaq qbil bonarju

[1] Paġġ. 193 sa 201 tal-proċess
[2] Paġġ. 202 sa 205 tal-proċess

mal-għarusa, l-attriċi Victoria Muscat, dwar kif kellhom jillikwidaw il-pendenzi ta' bejniethom. Fuq kollox, jiċħad li l-atturi ġarrbu xi danni jew daħlu fi spejjeż minħabba fih;

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrek dam qrib tmien (8) snin joħroġ mal-attriċi Victoria Muscat. Iltaqgħu f'*club* meta l-attriċi kellha mad-dsatax-il (19) sena u l-imħarrek għoxrin (20) sena. Kienu jidħlu d-dar ta' xulxin, l-imħarrek sa minn Awissu tal-1989[3]. L-attriċi Victoria Muscat kienet l-ewwel tfajla li l-imħarrek kien ħareġ magħha[4]. Kienu wkoll laħqu xtraw post li fih kienu qegħdin jaħsbu li jmorru jgħixu wara li jtejġu. Kienu fasslu li jiżżewġu f'Mejju tal-1998 u laħqu kellmu lill-arċipriet tal-Birgu li miegħu ipprenotaw il-knisja[5], u attendew kors tal-għerusija[6]. Baqgħu joħorġu flimkien sa Diċembru tal-1996. Xi sena wara, biegħu l-post li kienu xtraw f'Wied il-Għajn. Il-kawża nfetħet f'April tal-1998;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jirrigwardaw il-każ, irid jingħad minnufih li azzjoni bħal din hija msejsa fuq ir-regola li min jikser rabta li jkun għamel ma' ħaddieħor irid jagħmel tajjeb għall-ħsara li jkun ġab lill-parti l-oħra minħabba dak il-ksur. Fil-każ ta' għerusija, għallanqas bejn l-agħrajjes infushom, il-wegħda ta' żwieġ tnissel rabta ta' kuntratt bilaterali. Għalkemm f'kuntratt bħal dan l-ebda parti ma tista' tiġi mġegħla twettaq il-wegħda (u dan għaliex l-istat taż-żwieġ irid ikun wieħed magħżul u milqugħ bir-rieda ħielsa tal-partijiet fil-waqt tal-għoti tal-kunsens), il-ksur tal-wegħda tagħti lok għall-effetti hekk kif ksur ta' rabta kuntrattwali minn waħda mill-partijiet tnissel l-effetti tagħha f'obbligazzjonijiet kuntrattwali oħrajn[7];

Illi ġie mfisser li l-għan u l-oġġett veru tal-kuntratt tal-għerusija m'huwiex dak li jaċċerta li l-partijiet jgħaddu għaż-żwieġ bħallikieku din il-ġrajja kienet l-effett waħdieni u inevitabbli ta' dak il-kuntratt, imma li l-għarajjes isiru jafu lil xulxin mill-qrib biex jaċċertaw irwieħhom li l-

[3] Affidavit tal-attur Lucrezio Muscat 12.2.1999, f'paġ. 16 tal-proċess
[4] Xhieda tal-imħarrek 8.4.2002, f'paġ. 114 tal-proċess
[5] Dok "MTD", f'paġ. 32 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġ. 156 tal-proċess
[7] Art. 992(2) tal-Kap 16

personalitajiet tagħhom ikunu jaqblu ma' ta' xulxin u jikkumplimentaw lil xulxin b'mod li jistgħu jimmmiraw li jaqsmu ħajjithom flimkien għall-bqija ta' ħajjithom fi stat ta' żwieġ[8];

Illi biex isseħħ azzjoni ta' danni dwar tħassir ta' għerusija, jeħtieġ jintwera li kien hemm għerusija, bejn tnejn min-nies li kellhom il-kapaċita' fil-liġi li jgħaddu għal żwieġ (jiġifieri li ma kienx hemm dwarhom xi għamla ta' impediment li, minħabba fih, iż-żwieġ ma setax xorta waħda jiġi ċelebrat)[9]. Jeħtieġ jintwera wkoll li l-parti li ħassret jew waqqfet l-istat ta' għerusija ma kellhiex raġuni tajba biex tagħmel dan. U, fl-aħħarnett, il-parti li tgħid li ġarrbet danni minħabba t-temm tal-għerusija trid tipprova l-ħsara li tgħid li tkun ġarrbet;

Illi sakemm l-għerusija ma tkunx saret fl-għamla ta' kuntratt miktub, id-danni li parti tista' titlob mingħand il-parti li ħassret l-għerusija bla raġuni tajba huma danni materjali, magħduda magħhom spejjeż u valur ta' serviġi mwettqa mill-parti attriċi[10]. Huwa biss f'każ li l-għerusija tkun ġiet formalizzata bil-kitba li l-parti mġarrba tista' titlob ukoll il-ħlas ta' danni morali għall-inġurja kaġunata[11], u dan kif trid il-liġi speċjali maħsuba għal dan il-każ[12]. Madankollu, d-danni li jistgħu jitqiesu f'azzjoni bħal din huma biss dawk li jinstiltu direttament b'effett tat-tħassir tal-għerusija[13];

Illi l-istat ta' għerusija ma jitlobx xi ritwal jew formalita' partikolari. Hemm ċerti ċirkostanzi li jixhdu l-eżistenza tiegħu u li minnhom wieħed ikun jista' jislet iċ-ċertezza li tnejn min-nies qegħdin jimxu lejn stat ta' żwieġ bejniethom. Min-naħa l-oħra, l-eżistenza tal-istat ta' għerusija jrid jiġi ippruvat kif imiss mill-persuna li tressaq kawża għad-danni minħabba t-tħassir tal-għerusija. Tali

---

[8] P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Farruġia vs Dalia Curmi*** (Mhix pubblikata)
[9] Ara, per eżempju, P.A. **22.6.1875** fil-kawża fl-ismijiet ***Felice vs Vella*** (Kollez. Vol: **VII.430**) u P.A. **2.11.1897** fil-kawża fl-ismijiet ***Genuis vs Decelis*** (Kollez. Vol: **XVI.ii.134**)
[10] P.A. TM **6.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Marthese Żammit et vs Ivan Żammit***
[11] App. Ċiv. **16.12.1921** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Chircop*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.945**), P.A. **13.5.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana et vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.433**) u P.A. **26.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Bellia vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1051**), fost l-oħrajn
[12] Art. 3(2) tal-Kap 5
[13] P.A. **12.5.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Ruġġier et vs Żammit pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXV.ii.114**)

prova ma ssirx billi wieħed jistrieħ biss fuq dikjarazzjonijiet ġeneriċi jew fatti ekwivoċi[14]. Wieħed mill-kriterji li ta' min jorbot fuqu biex jitqies jekk tassew il-partijiet kinux mexjin b'serjeta' lejn l-istat ta' żwieġ huwa l-intenzjoni tal-partijiet, għaliex minnha u mill-imġiba tal-partijiet lejn xulxin, għandu jirriżulta x'kienet sewwasew il-fehma tagħhom fi żmien partikolari[15];

Illi sa minn dejjem ġie meqjus li t-tħassir tal-għerusija minn xi waħda mill-partijiet m'hijiex, waħedha, raġuni tajba biżżejjed biex wieħed jahseb jew jifhem li l-ħtija tat-tħassir hija tal-persuna li ħadet id-deċiżjoni li ttemmha[16]. L-iżjed importanti huwa li wieħed isib x'wassal lil dik il-persuna li tħassar dik l-għerusija[17]. F'azzjoni bħal din, huwa meħtieġ li jintwera li t-tħassir tal-għerusija ma kienx għal raġuni serja. Jekk, madankollu, l-parti li tħassar l-għerusija tgħid li kellha raġuni tajba għaliex waslet biex ħassret l-għerusija, il-prova ta' dik ir-raġuni taqa' fuq min jallegaha, u dan fuq ir-regola li *onus incumbit ei qui dixit non ei qui negat*;

Illi b'raġuni tajba u serja li twassal għat-tħassir tal-għerusija, wieħed jifhem xkiel jew impediment ta' għamla gravi u serja li jkun fondat u li wieħed ma setax ikun jaf bih minn qabel[18]. Minħabba li ċ-ċirkostanza ta' ksur ta' wegħda ta' żwieġ titqabbel ma' ksur jew nuqqas ta' twettiq ta' rabta kuntrattwali[19], jiġi li persuna ma tistax titqies ħatja ta' tali ksur fejn il-kawża tkun imnissla minn forza maġġuri. Kemm hu hekk, biex tħassir tal-għerusija jagħti lok għal azzjoni ta'danni, jeħtieġ li jintwera li l-parti li ħassret għamlet hekk għax riedet u mhux għaliex kienet imġegħla minn ċirkostanzi lil hinn mir-rieda tagħha[20];

Illi ġie meqjus li t-tradiment jikkostitwixxi raġuni tajba biex wieħed iħassar l-għerusija[21]. L-istess jingħad għall-każ fejn parti (jew qraba tagħha) tkun milquta minn kundizzjoni

[14] P.A. **11.11.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Ghio vs Pace*** (Kollez. Vol: **XV.276**)
[15] P.A. **7.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Savona***
[16] App. Ċiv. **5.3.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Ghigo*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.371**)
[17] P.A. **6.7.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Barbaro*** (Kollez.Vol: **LXXVI.iii.630**)
[18] App. Ċiv. **4.12.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana et vs Ċilia*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.517**)
[19] Art. 1125 tal-Kap 16
[20] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Psaila vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.656**)
[21] P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Aquilina vs Miriam Bonello et***

ġenetika[22] partikolari jew ikun hemm suspett fundat[23] jew fil-fatt tkun milquta minn marda gravi[24] li tista' ġġib ħsara lill-parti l-oħra jew li tiġi trasmessa fil-każ ta' twelid ta' wlied tal-partijiet. F'każ ta' mard, madankollu, billi ma jistax jingħad li l-mard taħti għalih il-persuna, tqies li din hija raġuni ta' forza maġġuri li ma tagħtix lok għad-danni lill-parti l-oħra. Iżda l-fatt li waħda mill-partijiet tkun marritilha l-volonta' għaż-żwieġ m'hijiex raġuni meqjusa bħala tajba[25]. Lanqas ma tqieset bħala raġuni tajba dik fejn il-parti li ħassret għamlet żmien titħasseb dwar jekk kellhiex tiżżewweġ lill-parti l-oħra jew li ma kinitx kuntenta f'dik ir-relazzjoni[26], jew minħabba l-fatt li ma kinitx f'qagħda finanzjarja tajba biżżejjed biex tintrabat biż-żwieġ[27];

Illi llum il-ġurnata, bit-tagħrif li jeżisti dwar kundizzjonijiet ta' saħħa u l-għamla ta' relazzjonijiet li normalment jirriżultaw minn min ikun qiegħed iħejji għar-rabta taż-żwieġ, jista' jingħad li ċerti ċirkostanzi li fl-imgħoddi kienu jsiru magħrufa biss b'kumbinazzjoni u wara tul ta' żmien, illum il-ġurnata jistgħu u jmisshom isiru magħrufa qabel u mingħajr dewmien. Għalhekk, il-fatt li persuna ddum ma tieħu d-deċiżjoni biex ittemm l-għerusija (minkejja li sata' kella raġuni tajba biex ittemmha) u tkun baqgħet sejra bil-formalita' tal-għerusija (*engagement*)[28] jew ħalliet lill-parti l-oħra tibqa' tagħmel tħejjijiet għaż-żwieġ u tidħol fi spejjeż, iwassal xorta waħda għall-jedd tal-parti mġarrba li titlob id-danni mingħand il-parti li temmet l-għerusija tard[29];

Illi fl-aħħarnett ta' min jgħid ukoll li t-tħassir tal-għerusija jista' jġib effetti wkoll fil-konfront ta' persuni oħrajn, x'aktarx qraba ta' xi waħda mill-agħrajjes, u dan mhux fuq il-bażi tal-inadempiment kontrattwali, imma wkoll fuq il-

---

[22] P.A. **8.11.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***M.C. vs G.I.*** (Kollez. Vol: **XXI.ii.175**)
[23] P.A. **29.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil et vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXX.ii.118**)
[24] P.A. **12.2.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Lupi et vs Calleja*** (Kollez. Vol: **XXIV.ii.145**)
[25] P.A. HH **14.1.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Camilleri vs Tarċisio Ċiantar*** (Mhix pubblikata)
[26] P.A. NC **11.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Grech vs Joanne Testa***
[27] P.A. **13.1.1903** fil-kawża fl-ismijiet ***Davison vs Pace*** (Kollez. Vol: **XVIII.ii.225**)
[28] P.A. **25.11.1905** fil-kawża fl-ismijiet ***Camenżuli vs Farruġia noe*** (Kollez. Vol: **XIX.ii.102**)
[29] P.A. GCD **18.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Gauċi et vs Martin Xuereb***

bażi tal-kważi-kuntratt jew saħansitra tad-delitt jew tal-kważi delitt;

Illi wieħed irid issa jistħarreġ **il-kwestjoni tat-tħassir tal-għerusija**. Meta wieħed iqis il-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża mal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li għadhom kemm issemmew, wieħed m'għandux jiddubita li, bejn l-attriċi Victoria Muscat u l-imħarrek kien hemm għerusija fit-tifsira li trid il-liġi. Dan l-istat joħroġ minn għadd ta' ċirkostanzi, ewlenija fosthom huma t-tul taż-żmien li damet ir-relazzjoni bejniethom, il-fatt li kienu xtraw post maħsub li jkun id-dar taż-żwieġ u li ngħatat għotja mill-ġenituri tal-imħarrek[30], il-fatt li kienu nxtraw affarijiet biex jgħammru d-dar[31], il-fatt ta' tħejjijiet bl-attendenza ta' kors għall-għarajjes[32] u l-fatt ta' data stabilita tat-tieġ. Hemm ukoll il-fatt li l-għarajjes infushom, għalkemm ma għamlux iċ-ċelebrazzjoni formali tal-għerusija, kienu ġeneralment għamlu dawn it-tħejjijiet kollha flimkien[33], u bir-rieda ħielsa tagħhom ukoll[34];

Illi lanqas ma tqanqal dubju dwar il-kapaċita' tal-istess għarajjes li jiżżewġu;

Illi t-tħassir tal-għerusija sar mill-imħarrek u lill-attriċi dak iż-żmien ma kienx taha r-raġuni għaliex huwa ħass li jkun aħjar li ma jibqgħux jiltaqgħu aktar[35]. Matul is-smigħ tal-kawża, l-imħarrek qal li r-raġuni vera kienet l-ultimatum li imponielu missier l-attriċi li jekk ma jmurx jipprenota s-sala tat-tieġ sa ċertu jum, ma kellux għalfejn jersaq aktar lejn darhom[36]. L-attur Lucrezio Muscat ċaħad li qatt impona termini fuq l-imħarrek[37];

Illi, iżda, ukoll kieku kienet l-attriċi Victoria Muscat li ħassret, jirriżulta li kien hemm raġuni tajba biżżejjed biex tagħmel dan. Ir-relazzjoni li l-imħarrek kellu ma' Elinor Spiteri, u li tali relazzjoni qanqlet it-tħassib saħansitra tal-

[30] Xhieda ta' Mary Tabone 26.7.2000, f'paġ. 64 tal-proċess
[31] Xhieda ta' Victoria Muscat 16.11.1999, f'paġ. 36 tal-proċess
[32] Xhieda ta' Charles Tabone 26.7.2000, f'paġ. 61 tal-proċess
[33] Xhieda tal-imħarrek 6.3.2001, f'paġ. 79 tal-proċess
[34] *Ibid*. 25.5.2001, f'paġ. 85 tal-proċess
[35] Xhieda tal-attriċi Victoria Muscat 5.5.2000, f'paġ. 52 tal-proċess
[36] Xhieda tal-imħarrek 25.5.2001 u 31.10.2001, f'paġġ. 86 u 92 tal-proċess
[37] Xhieda tiegħu 17.9.2002, f'paġ. 135 tal-proċess

familjari[38] ta' din kienet ċirkostanza serja biżżejjed li tiftaħ għajnejn l-attriċi dwar l-għaqal li tkompli r-relazzjoni mal-imħarrek. L-imħarrek seħaq li tul l-għerusija kien lejali lejn l-attriċi, u fis-sottomissjonijiet tiegħu l-ewwel jgħid li dik ir-relazzjoni hija ħlieqa[39], u mbagħad, aktar 'il quddiem, jgħid li dak "il-fatt ta' Eleonor"[40] ma setax kien il-kawża vera tat-tħassir tal-għerusija li seħħ sena wara. Dwar l-episodju ta' Elinor Spiteri huwa illimita ruħu biex jgħid li kienet tfajla oħra kollega tiegħu li iien jafha qabel beda joħroġ mal-attriċi u magħha kien qisu aħwa u kienu jistudjaw flimkien. Iżid jgħid li kienet Spiteri li kienet tiġri wrajh u tittantah, li seta' wkoll kien il-każ[41], għalkemm dan bl-ebda mod ma kien jiġġustifikah li jagħtiha wiċċ (imqar jekk bħala ħbieb sempliċi) waqt li suppost kien għadu għarus lill-attriċi. L-eżistenza ta' din ir-relazzjoni jidher li, f'xi żmien bikri, kienet kiddet ukoll lill-familja tal-imħarrek[42] u dan fiż-żmien meta hu u l-attriċi kienu ilhom joħorġu flimkien mal-ħames snin;

Illi r-raġunijiet allegati mill-imħarrek għat-temm tal-għerusija (bruda bejnu u l-attriċi, tħassib min-naħa tal-attriċi dwar jekk kellhomx ikomplu flimkien, żmien ta' ġlied bejniethom li matulu kienu waqfu joħorġu ma' xulxin, u atti ta' vjolenza fuqu min-naħa tal-attriċi) ma ġew bl-ebda mod ippruvati għalkemm, kif ingħad diġa', f'uħud minnhom, lanqas jista' jitqies li dawn kienu raġuni tajba għat-tħassir tal-għerusija. Għall-kuntrarju, l-imħarrek innifsu xehed li kien għal qalbu mir-relazzjoni li kellu mal-attriċi għal tul iż-żmien kollu li damu joħorġu flimkien, u kienu sejrin tajjeb ma' xulxin[43]. Dan il-fatt imieri għal kollox sitwazzjoni fejn persuna tallega l-vjolenza kontriha u l-ġlied mal-parti l-oħra;

Illi, għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-għerusija bejn l-attriċi Victoria Muscat u l-imħarrek intemmet bi ħtija ta' dan tal-aħħar. Għalhekk, l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin mill-atturi;

---

[38] Xhieda ta' Patri Mudest Gatt 7.3.2000 u 17.11.2003, f'paġġ. 43-4 u 175-6 tal-proċess
[39] Paġ. 204 tal-proċess
[40] Paġ. 205 tal-proċess
[41] Ara x-xhieda ta' Mary Tabone in subizzjoni 5.12.2000, f'paġ. 69 tal-proċess u tal-imħarrek 8.4.2002, f'paġ. 116 tal-proċess
[42] Ara Dok "ITZ", f'paġ. 109 tal-proċess
[43] Xhieda tiegħu 6.3.2001, f'paġ. 77 tal-proċess

Illi **dwar il-kwestjoni tad-danni**, l-imħarrek jagħmel tliet (3) osservazzjonijiet ewlenin. L-ewwel waħda hija li l-atturi ma jistgħux jitolbu l-ħlas ta' danni morali. It-tieni waħda hija li l-attriċi Victoria Muscat ma qegħda tippretendi l-ebda danni, filwaqt li l-atturi l-oħra (il-ġenituri ta' Victoria Muscat) m'għandhom l-ebda jedd jippretendu danni għaliex huma ma kinux mgħarrsin mal-imħarrek u lanqas seħħet xi kundizzjoni maħsuba fil-liġi li għaliha l-istess imħarrek irid jagħmel tajjeb. It-tielet waħda hija li l-atturi ma wrewx li ġarrbu danni;

Illi dwar l-aspett tad-danni morali, irid jingħad li fil-każ tat-tħassir tal-għerusija, l-liġi taħseb għall-ħlas ta' danni bħal dawn. Imma, kif ingħad qabel, l-applikazzjoni ta' danni morali skond il-liġi speċjali sseħħ biss fejn l-għerusija tkun saret bi ftehim miktub. Fil-każ preżenti, ma jirriżultax li sar xi ftehim bħal dan. Jidher ċar li l-atturi qegħdin jippretendu d-danni morali[44] wkoll mingħand l-imħarrek. L-imħarrek jgħid sewwa li, fil-każ tallum, din it-talba tal-atturi m'hijiex mistħoqqa u dan ukoll għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel f'din is-sentenza. Għalhekk, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis iċ-ċirkostanzi ta' kemm damet l-attriċi Victoria Muscat ma bdiet toħroġ ma' ħaddieħor wara t-tħassir tal-għerusija minn mal-imħarrek jew dwar il-fatt tat-tqala tagħha ftit xhur wara;

Illi dwar jekk l-atturi jistgħux jippretendu d-danni materjali mingħand l-imħarrek tajjeb li jingħad li l-atturi m'humiex biss il-ġenituri tal-għarusa imma l-għarusa wkoll. Il-Qorti ma taqbilx mal-imħarrek fejn jgħid li l-azzjoni hija impostata b'mod li saret mill-ġenituri u li "lanqas hemm riferenza waħda għaliha[45] fil-premessi taċ-ċitazzjoni". Daqqa t'għajn imqar ħafifa lejn iċ-Ċitazzjoni turi mod ieħor u dan b'mod ċar ħafna, billi żżomm differenza bejn l-interessi tal-atturi ġenituri minn dawk tal-attriċi għarusa fl-istess kawża. L-attriċi Victoria Muscat imkien ma ċaħdet li hija tippretendi d-danni mingħand l-imħarrek;

---

[44] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 197, 199 u 200 tal-proċess
[45] Jiġifieri ghal-Victoria Muscat

Illi jifdal jitqies il-punt interessanti ħafna li qanqal l-imħarrek dwar il-jedd tal-atturi Lucrezio u Josephine Muscat (il-ġenituri) li jressqu l-azzjoni kontrih. Huwa minnu li l-qofol tal-pretensjoni tal-miżżewġin Muscat tinbena fuq l-aspett ta' serviġi u spejjeż li huma jgħidu li għamlu għall-ġid tiegħu sakemm dam għarus lil binthom. Diġa ngħad li l-azzjoni għad-danni għat-tħassir tal-għerusija tipprospetta li l-parti attriċi trid turi sewwa u kif mistenni mil-liġi li hija ġarrbet danni u li dawn id-danni kienu l-konsegwenza diretta tat-temm tal-għerusija. Ma jidhirx li jagħmel differenza jekk id-danni mġarrba jinstiltux minn bażi kuntrattwali, jew inkella minn bażi ta' delitt jew kważi-delitt[46]. Lanqas ma huwa eskluż li d-danni konsegwenzjali għat-tħassir tal-għerusija jkunu fis-sura ta' kumpens għal serviġi li jkunu saru mill-parti mġarrba[47]. Għalhekk, ma jidhirx li wieħed jista' jilqa' s-sottomissjonijiet tal-imħarrek f'dan ir-rigward;

Illi dwar jekk huwiex minnu li l-atturi ġarrbu d-danni, l-imħarrek jgħid li huwa issalda kollox mal-attriċi meta ftehmu dwar id-dar, filwaqt li jiċħad li l-atturi miżżewġin Muscat ġarrbu xi danni marbutin mat-temm tal-għerusija. Dwar l-ewwel aspett, jirriżulta li qabel ma nfetħet din il-kawża, kemm l-attriċi Victoria Muscat u kif ukoll l-imħarrek kienu waslu fi ftehim dwar il-post li kienu xtraw bħala d-dar għalihom. Ma ntwera bl-ebda mod x'sura ħa l-istess ftehim, u lanqas jekk kienx hemm fih xi klawsola li biha l-partijiet iddikjaraw li ma kienx għad fadlilhom pretensjonijiet kontra xulxin dwar l-istess għerusija. Ħadd mill-partijiet ma deherlu li kellu jressaq kopja tal-ftehim jew jagħti dettalji dwaru. Min-naħa tagħhom, l-atturi jgħidu li l-istess ftehim kien bla ħsara għad-danni li l-attriċi Victoria Muscat tippretendi. Il-Qorti ma tarax kif jista' jkun mod ieħor, u għalhekk, sejra tqis li l-ftehim ma għalaqx it-triq lill-attriċi Victoria Muscat li tippretendi mingħand l-imħarrek il-ħlas ta' danni materjali;

Illi dwar it-tieni aspett, il-Qorti tqis li jekk l-atturi miżżewġin Muscat jistgħu juru li daħlu fi spejjeż minħabba fl-imħarrek u l-għerusija li dan kellu mal-attriċi binthom, ma jkunx

[46] P.A. WG **20.4.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Violet Xuereb vs Ġużeppi Abela*** (Mhix pubblikata)
[47] P.A. CS **30.6.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Norman Paċe vs Lucienne Pecorella*** (Mhix pubblikata)

xieraq li dawk l-ispejjeż jitwarrbu daqslikieku ma sarux. Il-bażi tal-pretensjonijiet tal-atturi miżżewġin Muscat hija dik tas-serviġi mogħtija lil u għall-benefiċċju tal-imħarrek, liema bażi tinbena fuq il-kważi-kuntratt. Wieħed għandu jimmaġina li l-atturi ma kinux sejrin joqogħdu jonfqu flus fuq l-imħarrek u li jiftħu bieb darhom b'dik ir-regolarita' li semmiet li kieku ma kienx għall-fatt li dan kien għarus tal-attriċi. Dan jingħad ukoll għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel dwar il-bażi tal-azzjoni tad-danni;

Illi **dwar id-danni pruvati**, l-Qorti jkollha minnufih tikkummenta u tgħid li l-prova ta' dannu trid tintwera u titressaq kif titlob il-liġi. Il-provi li ressqu l-atturi dwar id-danni pretiżi minnhom jikkonsistu f'xi xhieda dwar l-għadd ta' drabi li l-imħarrek kien imur għandhom[48], u kif ukoll dwar x'kien joqgħod jagħmel meta jkun għandhom[49]. Jikkonsistu wkoll f'nota waħda (lanqas biss maħlufa) b'sensiela ta' kontijiet ta' dawl u tal-ilma. Meta ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi wara li l-kawża kienet ilha s-snin għaddejja, l-atturi ħarġu bi prospett tad-danni pretiżi u inkludewh fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom. Il-Qorti ma tistax taċċetta li sottomissjoni tgħodd minflok prova, għaliex il-waħda u l-oħra huma żewġ għodod differenti tal-proċess ġudizzjarju. Bosta mill-partiti msemmija fin-Nota (safejn kienu ammissibbli fil-każ) setgħu u messhom issaħħu b'xhieda u b'dokumenti. Fejn dan ma sarx, il-Qorti ma tistax tqishom bħala siewja;

Illi, għalhekk, fil-limiti ta' din il-konsiderazzjoni l-Qorti sejra tqis biss id-danni li jirriżultaw. L-attriċi Victoria Muscat tgħid li l-imħarrek kien jidħol ta' spiss fid-dar tal-ġenituri tagħha u, minbarra d-drabi li kien jiekol minn dak li jieklu huma, kienet ukoll issajjarlu ikel li jogħġob lilu meta kien ikun "*off duty*"[50]. Iżda hija tistqarr ukoll[51] li kienet tmur tiekol għand il-familja tal-imħarrek xi darbtejn jew tlitt darbiet fil-ġimgħa. Min-naħa tal-attriċi Victoria Muscat, ma jirriżultax li saru xi spejjeż oħrajn, u jidher li l-imħarrek jgħid sewwa li l-attriċi ma wrietx ħerqa partikolari li tfisser

---

[48] Xhieda tal-attriċi Josephine Muscat 16.11.1999, f'paġ. 33 tal-proċess
[49] Xhieda ta' l-attur 12.2.1999 u ta' Edward Muscat 7.3.2000, f'paġġ. 17 u 48 tal-proċess
[50] Xhieda tagħha 12.2.1999, f'paġ. 18 tal-proċess
[51] Xhieda tagħha 5.5.2000, f'paġ. 52 tal-proċess

aħjar il-pretensjonijiet tagħha (jekk kien għad fadlilha aktar) fil-konfront tiegħu;

Illi dwar il-pretensjonijiet tal-atturi miżżewġin Muscat, joħroġ ċar li dawn qegħdin jippretendu kumpens minħabba l-użu min-naħa tal-imħarrek tas-servizzi tad-dar tagħhom b'mod regolari u elevat. Biex isaħħu din il-pretensjoni, l-istess atturi ressqu għadd ta' kontijiet ta' dawl u ilma fid-dar tagħhom. Ma tressqu l-ebda kontijiet dwar telefonati magħmula. Issa jrid jingħad li l-imsemmija kontijiet ma jistgħux jagħtu stampa preċiża tad-danni mġarrbin mill-atturi minħabba l-imħarrek, u dan għaliex fiż-żmien partikolari, fid-dar tal-atturi kienu regolarment jgħixu ħamsa min-nies. Jingħad ukoll li l-ammonti ta' konsum bejn iż-żmien meta l-imħarrek kien għadu għarus lill-attriċi u ż-żmien ta' wara jidhru li nbidlu l-aktar (billi juru tnaqqis) fil-konsum tad-dawl u mhux dak tal-ilma. Aktar mill-kontijiet, jidher għaqli iżjed li wieħed jifli l-konsumi relativi. Kif tajjeb ukoll jissottometti l-imħarrek fin-Nota tiegħu, ir-rati għal dawn is-servizzi kien jogħla maż-żmien, apparti żminijiet fejn kien jingħata sussidju fuq ċerti konsumi. Għalhekk, il-Qorti jkollha tqis fuq kejl *boni viri* x'valur jiswew is-serviġi mogħtijin mill-atturi lil u għall-benefiċċju tal-imħarrek;

Illi meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha ewlenin u riżultanti, l-Qorti jidhrilha li għandha tillikwida kumpens ta' elf u erba' mija u sittin lira Maltin (Lm 1460) għas-saldu ta' kull pretensjoni tal-atturi kollha, liema somma tieħu qies tal-ikel u xorb, użu ta' servizzi tad-dar u wkoll spejjeż oħra essenzjali minfuqin minnhom favur l-imħarrek[52];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-imħarrek għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li t-temm tal-għerusija seħħ bi ħtija tal-imħarrek;

[52] Meqjusa bir-rata ta' 50ċ kuljum għal tmien snin, u dan f'danni materjali biss.

**Tiċħad it-tieni talba attriċi billi** tiddikjara li, fiċ-ċirkostanzi tal-għerusija bejn il-kontendenti, ma hemmx lok ta' likwidazzjoni ta' danni morali;

**Tiċħad it-tielet talba** billi din tintrabat mat-tieni talba;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tillikwida d-danni materjali mġarrba mill-atturi fis-somma ta' elf erba' mija u sittin lira Maltija (Lm 1460);

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm 1460 fuq imsemmija bħala spejjeż minnhom minfuqa għall-benefiċċju tiegħu, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------